# Tislima lil...



Nhar il-Ħadd 19 t'Ottubru 2008, Malta kollha, iżda b'mod speċjali ir-Rabat, tilef lill-artist Anton Agius. Anton Agius twieled ir-Rabat fl-1 ta' Diċembru 1933. Meta kellu biss erbatax-il sena, Anton beda bħala apprentist ma' skultur Rabti magħruf ieħor, Ġużeppi Galea u f'dan iż-żmien tgħallem kif juża l-istukko, taħlit tal-kuluri u diversi metodi oħra użati għat-tiżjin tal-knejjes. Importanti li nsemmu li lejn it-tieni nofs tas-snin ħamsin, Ġużeppi Galea kien qed jaħdem fuq l-iskultura tas-saqaf tal-knisja tagħna u Anton Agius kien qed jaħdem ukoll bħala apprentist fuq dan ix-xogħol. Nafu li Anton Agius għamel diversi xogħolijiet kemm fir-Rabat stess kif ukoll fuq livell Nazzjonali. Diffiċli li hawnhekk f'dan il-ftit spazju issemmi x-xogħolijiet kollha ta' Anton. Fost id-diversi xogħolijiet li insibu fir-Rabat stess għandna il-monumenti bħal ta' Pawlu Xuereb, dak ta' l-Imħabba u l-monument tal-Vittmi tat-2 Gwerra Dinjija li dawn kollha jinsabu fi Ġnien Howard. Ma kienx jonqos li Anton jagħmel tifkira ta' Ġużeppi Galea, l-għalliem tiegħu u dan insibuh fil-Pjazza ta' San Duminku ir-Rabat. Kif diġa semmejna, Anton ħadem ukoll diversi monumenti Nazzjonali. Fost dawn insibu il-monument tas-Sette Giugno li jinsab il-Belt Valletta, il-monument tal-Ħaddiem fl-Imsida, dak tal-Ħelsien li jinsab fix-xatt tal-Birgu u dak ta' Dun Mikiel u sħabu li qiegħed il-Belt ukoll. Kienu diversi l-għaqdiet, każini, kumitati tal-festi u individwi oħra li Anton Agius ħadmilhom xi opra bħal xi statwa jew skultura. Anton ser jibqa jidher ħaj fix-xogħolijiet tiegħu li diversi drabi jirriflettu l-mod ta' kif kien jaħdem, jaħseb u joħloq.

Nhar is-26 ta' Settembru 2008, ftit ġimgħat wara l-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, tħabbret il-mewt ta' Peter Paul Cutajar, magħruf ukoll bħala 'Pietru'. Peter Paul kien wieħed mill-fratelli antiki fi ħdan l-Arċikonfraternità tal-Madonna taċ-Ċintura u Sant'Anton Abbati u ngħaqad ma' din il-fratellanza fl-1978. Peter Paul kien jiffrekwenta l-knisja tagħna u kien anki jieħu ħsieb il-preparazzjoni għall-quddies ta' kuljum. Saħansitra, meta ma kienx ikun hemm abbatini, kien anke jgħin il-quddiesa. Peter Paul kien ukoll devot tal-Madonna taċ-Ċintura u qabel ma' joħroġ 'il barra mill-knisja, kien jieqaf isellem ix-xbieha tal-Madonna taċ-Ċintura fin-niċċa tagħha. Issa Peter Paul mar igawdi aktar mill-qrib lil Ommna Marija.



Nitolbu għal dawn ħutna li ħallewna u marru jiltaqgħu mal-Mulej. Nitolbu għalihom li Sidtna Marija u Sultana tal-Konsolazzjoni biex twassalhom hi għand binha Ġesù u tfarraġ lill-familjari, qraba u ħbieb ta' dawn ħutna.
Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem!